MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Numru. 888/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Ivan Cilia**

**vs**

**Mario Vincent Picarelli**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Mario Vincent Picarelli ta’ 44 sena, iben Anthony u Maria nee’ Zammit, imwieled Sliema fit-28 ta’ Ottubru 1963, u residenti ‘Devine Mercy’, numru 32, Triq Kurt Galea, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 581563 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’Jannar 2008 u fix-xhur ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer , b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda,

1. Bil-hsieb li jestorci flus jew xi hag'ohra, jew li jaghmel xi qliegh, jew bil-hsieb li jghieghel lill-persuni ohra u cioe' lil Edwin Busuttil u Marcette Mercieca jesegwixxu, jiddistruggu, iqallbu jew jbiddlu testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija jew jaghmlu jew jonqsu milli jaghmlu xi haga, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil Edwin Busuttil u Marcette Mercieca :

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi gab ruhu b' tali mod li ta fastidju lil persuni ta' Edwin Busuttil u Marcette Mercieca u b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal persuni ta' Edwin Busuttil u Marcette Mercieca.

3. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd u cioe' ta' Edwin Busuttil u Marcette Mercieca, weggahhom bil-kliem, b' gesti, b' kitba, b' disinji jew b' xi mod iehor.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Settembru, 2008 (esebit *a folio* 6 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-sena 2007 l-imputat fil-kawza odjerna ghamel perijodu ta' tlett gimghat impjegat mas-socjeta' E.J Busuttil Limited liema kumpanija kienet timporta l-medicinali u kienet immexxija minn certu Edwin Busuttil. Meta l-impjieg tieghu gie terminat mill-employer l-imputat li hass ruhu agravat b'tali terminazzjoni baghat email lid-Direttorat tal-Kompetizzjoni[1] fejn huwa allega li Edwin Busuttil li kien jippartecipa f'tenders mahruga mid-Dipartiment tas-Sahha ghal supply tal-medicinali kien qed jaghmel xi irregolaritajiet ghaliex skond Picarelli Busuttil kellu bhala impjegata part time lil certu Marcette Borg mizzewga Mercieca li kienet impjegata wkoll full time fil-Medical Stores tal-Gvern li kienet qed tghaddielu informazzjoni dwar it-tenders sabiex b'hekk huwa kellu vantagg fuq il-kompetituri tieghu. Mill-provi rrizulta li d-Direttorat koncernat ghadda din l-email lil Pulizija sabiex il-kaz jigi investigat u mix-xhieda tal-Ufficjal Investgattiv u dak iz-zmien anki Prosekutur l-Ispettur Ivan Cilia[2] jirrizulta li l-Pulizija nvestigat din l-allegazzjoni  u rrizultalha li tali allegazzjoni kienet infondata. Fil-kors ta' din l-investigazzjoni u precizament meta gie nterrogat Edwin Busutttil irrizulta lil Pulizja li Edwin Busuttil kien ircieva ittra anonima[3] li pero' huwa kien fehem li qed tintbaghtlu mill-imputat fejn kien inghad fost hafna affarijiet ohra s-segwenti :-

« *In conclusion I think I made myself clear enough. My silence comes at a price. I want a year's wages for Lm4160 because it will take me a whole year before I am appointed somewhere else. This has to be delivered by post to my premises. With the cheque I want a complimentary note that this is a little gift for your services Edwin and served with the company's rubber stamp* ». F'din l-ittra hemm indikat li l-persuna li qed tiktibha kienet ser tirraporta lill-awtoritajiet koncernati u kienet lesta tixhed il-Qorti u quddiem kwalunkwe awtorita' dwar dak li

---

[1] Email relattiv inserit a a fol. 52 sa 54 tal-atti processwali.
[2] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol.  13 sa 18 tal-atti processwali
[3] Inserita a fol. 23 sa 25 tal-atti processwali.

kien qed jigri. Fl-ittra jinghad ukoll li *‘ Everything will continue to move smoothly, on my word of honor if you abide by my requirements. I hope you understand, you made me loose two jobs and I have to protect myself and my family till I find alternative employment. At this stage I hope you realize that I am not as stupid as you thought I were and unless I get what I am asking within 24 hours by post  I shall have no other option but to put this plan in action, all of it from beginning to end immediately. It is also in your interest to keep the contents of this letter confidential.’*

Mill-provi rrizulta li wara li l-Pulizija nvestigat l-allegazzjonijet maghmula mill-imputat fl-email li saret referenza ghaliha aktar il-fuq u dawn l-allegazzjonijiet irrizultaw infondati u wara li hadet konjizzjoni tal-kontenut tal-ittra anonima li giet mghoddija mill-Ispettur Cilia minn Edwin Busuttil il-Pulizjia regghat interrogat lill-imputat din id-darba mhux bhala persuna edott mill-fatti kif kienet ghamlet qabel fejn huwa rrilaxxja stqarrija[4] fejn ammetta li kien baghat l-ittra anonima lil Busuttil u fejn stqarr li kien irrabjat hafna meta gie terminat l-impjieg tieghu ma’ EJ Busuttil Limited u qal  li kien jaf li dan kien jammonta ghal rikatt u li huwa ghamel dan sabiex jithallas u mhux sabiex jirraporta korruzzjoni lill-awtoritajiet.

Ikkunisdrat :

Illi f’dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat bi tlett imputazzjonijiet. Permezz tal-ewwel imputazzjoni huwa jinsab akkuzat bir-reat ta’ rikatt kontemplat fl-Artikolu 250 tal-Kodici Kriminali filwaqt li permezz tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni huwa jinsab addebitat bir-reati ta’ fastidju u ingurja kontemplati fl-Artikoli 251A u 252 tal-Kodici Kriminali.  In kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni qed jigi allegat li r-rikat gie ezercitat kemm fil-konfronti ta’ Edwin Busuttil kif ukoll fil-konfronti ta’ Marcette Borg nee’ Mercieca. Il-Qorti jidrilha li mill-provi prodotti, u senjatament mill-ittra inserita a fol. 23 et 26 tal-atti processwali jirrizulta li tali rikatt gie effetwat fil-konfronti ta’

[4] Inserita a fol. 19 sa 21.

Edwin Busuttil biss u mhux fil-konfronti ta’ Marcette Borg nee Mercieca. L-Artikolu 250 tal-Kodici Kriminali jipprovdi s-segwenti :-

***250.*** *(1) Kull min, bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġ’oħra, jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, ihedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ priġunerija minn ħames xhur sa tmintax-il xahar.*
*(2) Kemm-il darba b’dan it-theddid il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena ta’ priġunerija minn seba’ xhur sa tliet snin.*

Fin-nota ta’ sottomissjonijiet finali taghha d-Difiza tikkontendi li r-rikatt ma jirrizultax pruvat stante li sabiex jissussisti dan ir-reat irid ikun hemm it-theddida li ser issir denunzja jew kwerela u d-Difiza ssostni li fl-ittra inserita a fol. 23 sa 26 ma hemmx imsemmija l-kliem denuzja jew kwerela. Il-Qorti jidrilha li mill-imsemmija ittra jirrizulta inekwivokabilment li min kitibha kien ser jirraporta lill-aworitajiet koncernati jekk ma jiehux li jrid u jghid li kien lest jixhed il-Qorti. Il-Qorti m’ghandhiex dubju li dawn il-kliem jindikaw li r-rapport kien ser ikun lil Pulizija bhala awtoritajiet koncernati. Mill-provi fil-fatt irrizulta li r-rapport li ghamel l-imputat permezz tal-email lid-Direttorat tal-Kompetizzjoni fil-fatt gie mghoddi lil Pulizija ghal-investigazzjoni. Il-Qorti jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jirrizulta minghajr dubju dettat mir-raguni li kien l-imputat li baghat l-ittra esebita a fol. 23 sa 26 tal-process ghaliex huwa jammetti fl-istqarrija minnu rilaxxjata li kien baghat tali ittra u jirrizulta wkoll mix-xhieda ta’ Edwin Busuttil fejn dan spjega li huwa kien qal lill-imputat sabiex jaghmel dak li jidhirlu li kellu jaghmel ghaliex huwa ma kellu xejn x’jahbi. Il-Qorti inoltre jidrilha li l-kontenut tal-imsemmija ittra jikkostitwixxi r-rikatt kontemplat fl-Artikolu 250 ghaliex fl-ittra hemm indikat car u tond li jekk il-mittent ma jircevix il-pagament li kien qed jitlob huwa kien ser jirraporta lill-awtoritajiet koncernati bl-

irregolaritajiet li skond hu kienu qed jigu effetwati fil-hrug tat-tenders fejn Edwin Busuttil kien qed jigi moghti nformazzjoni dwar tenders minn Marcette Borg liema informazzjoni ma kinitx disponibbli lill-persuni l-ohra li kienu jippartecipaw fil-hrug tat-tenders.

Ikkunsidrat :

Illi kif diga' ntqal aktar il-fuq pemezz tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni l-imputat jinsab ukoll akkuzat bir-reati ta' fastidju u ta' ngurja. Il-Qorti jidrilha li t-tieni imputazzjoni ma tirrizultax pruvata stante li skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna sabiex jissussisti r-reat ta' fastidju irid ikun hemm kontinwita' jew ripetizzjoni ta' ncidenti u mhux incident wiehed u dan ma jirrizultax mix-xhieda ta' Marcette Borg li rrapurtat biss dwar incident wiehed. Il-Qorti izda jidrilha li r-reat ta' ngurja fil-konfronti kemm ta' Edwin Busuttil kif ukoll ta' Marcette Borg jirrizulta pruvat stante li l-imputat ghamel sensiela ta' allegazzjonijiet ma diversi persuni kif irrizulta mill-provi liema allegazzjonijiet ilkoll irrizultaw infondati u rrizulta wkoll li dawn l-allegazzjonijiet saru bhala tpattija ghat-terminazzjoni tal-impjieg u mhux ghaliex l-imputat kellu nformazzjoni konkreta li kienet qed issir xi forma ta' korruzzjoni jew irregolarita' minn Edwin Busuttil u Marcette Borg.

Ghal finijet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat huwa first time offender u fic-cirkostanzi ma jidrilhiex li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 250(1) u 252 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax (12) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' tmintax (18) il-xahar millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tiliberah mll-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------